MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2013

Numru 822/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**JULIAN GENOVESE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Julian Genovese ta' 53 sena iben Emanuel u Carmen nee' Mallia, imwieled Pieta' fis-17 ta' Frar, 1960, prezentament residenti gewwa l-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 136860(M).

Gie akkuzat talli nhar it-22 ta’ Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer, bhala prigunier li kien mizmum f’habs u/jew

filwaqt li kien qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor filwaqt li kien qieghed taht kura jew osservazzjoni fl-Isptar Mater Dei u/jew fil-vicinanzi, harab mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MM3 u nnutat li l-imputat Julian Genovese m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 31, 151, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Julian Genovese, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Julian Genovese ghall-piena ta' sena u xahrejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------